

Brussell, 27 ta' April 2018
(OR. en)

8217/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0231 (COD)**

**CODEC 608
CLIMA 67
ENV 245
ENER 124
TRANS 160
AGRI 186
COMPET 240
ECOFIN 350**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-22 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2017². Il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Awwissu 2017³.

¹ 11483/16.

² ĠU C 75, 10.3.2017, p. 103.

³ ĠU C 272, 17.8.2017, p. 36.

3. Fis-17 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 3/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss bid-delegazzjoni Pollakka u dik Latvjana jastjenu u d-delegazzjoni Litwana u dik Maltija jivvotaw kontra;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 8050/18.